// Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 125

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 62

14 ta' Mejju 2019

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/757 tat-13 ta' Mejju 2019 li jimplimenta l-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) Nru 224/2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana** ..... 1

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/758 tal-31 ta' Jannar 2019 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-azzjoni minima u t-tipi ta' miżuri addizzjonali li jridu jittieħdu mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji sabiex irażżnu r-riskju mill-ħasil tal-flus u mill-finanzjament tat-terroriżmu f'ċerti pajjiżi terzi** [1] ..... 4

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/759 tat-13 ta' Mejju 2019 li jistabbilixxi l-miżuri tranżizzjonali għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti tas-saħħa pubblika għall-importazzjonijiet ta' ikel li jkun fih kemm prodotti li joriġinaw mill-pjanti kif ukoll prodotti pproċessati li joriġinaw mill-annimali (prodotti komposti)** [1] ..... 11

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/760 tat-13 ta' Mejju 2019 li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica* bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470** [1] ..... 13

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/761 tat-13 ta' Mejju 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine)** ..... 16

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/762 tat-13 ta' Mejju 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2014/219/PESK dwar il-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali)** 18

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/763 tat-13 ta' Mejju 2019 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana** ........ 21

---

## Rettifika

★ **Rettifika tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1926 tal-31 ta' Mejju 2017 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha** (ĠU L 272, 21.10.2017) ........ 24

★ **Rettifika tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 487/2013 tat-8 ta' Mejju 2013 li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet** (ĠU L 149, 1.6.2013) ........ 24

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/757

**tat-13 ta' Mejju 2019**

**li jimplimenta l-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) Nru 224/2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 224/2014 tal-10 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 224/2014.

(2) Fit-18 ta' April 2019, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit bis-saħħa tar-Riżoluzzjoni 2127 (2013) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti aġġorna l-informazzjoni li tirrigwarda persuna waħda soġġetta għal miżuri restrittivi.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 224/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 224/2014 huwa b'dan emendat kif indikat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

([1]) ĠU L 70, 11.3.2014, p. 1.

*ANNESS*

Fir-Regolament (UE) Nru 224/2014, l-Anness I, Parti A (Persuni) l-entrata għall-persuna elenkata hawn taħt hija sostitwita bl-entrata li ġejja:

"12. **Abdoulaye HISSENE (*psewdonimu*: a) Abdoulaye Issène; b) Abdoulaye Hissein; c) Hissene Abdoulaye; d) Abdoulaye Issène Ramadane; e) Abdoulaye Issene Ramadan; f) Issene Abdoulaye)**

**Data tat-twelid**: a) 1967; b) 1 ta' Jannar 1967

**Post tat-twelid:** a) Ndele, Bamingui-Bangoran, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana; b) Haraze Mangueigne, iċ-Chad

**Nazzjonalità:** a) ir-Repubblika Ċentru-Afrikana; b) iċ-Chad

**Nru. tal-passaport:** Passaport diplomatiku tar-RĊA bin-numru D00000897, maħruġ fil-5 ta' April 2013 (validu sal-4 ta' April 2018)

**Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** Numru tal-karta tal-identità nazzjonali taċ-Chad 103-00653129-22, maħruġ fil-21 ta' April 2009 (jiskadi fil-21 ta' April 2019)

**Indirizz:** a) KM5, Bangui, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana; b) Nana-Grebizi, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana; c) Ndjari, Ndjamena, iċ-Chad

**Data tad-deżinjazzjoni min-NU:**17 ta' Mejju 2017

**Informazzjoni oħra:** Hissène kien preċedentement il-Ministru għaż-Żgħażagħ u l-Isport bħala parti mill-Kabinett tal-eks-President tar-Repubblika Ċentru-Afrikana Michel Djotodia. Qabel dan, huwa kien il-kap tal-Konvenzjoni tal-Patrijotti għall-Ġustizzja u l-Paċi, partit politiku. Huwa stabbilixxa wkoll lilu nnifsu bħala l-mexxej tal-milizzji armati f'Bangui, b'mod partikolari fil-kwartier "PK5" (it-tielet distrett). Isem il-missier hu Abdoulaye. Isem l-omm hu Absita Moussa. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/6098910

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdoulaye Hissène ġie elenkat fis-17 ta' Mejju 2017 skont il-paragrafi 16 u 17(g) tar-riżoluzzjoni 2339(2017) bħala li jieħu sehem jew jipprovdi appoġġ għal atti li jdgħajfu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA, inkluż atti li jheddu jew ixekklu l-proċess ta' transizzjoni politika, jew il-proċess ta' stabbilizzazzjoni u rikonċiljazzjoni jew li jħeġġu l-vjolenza;' u li huwa 'involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, l-isponsorizzazzjoni, jew it-twettiq ta' attakki kontra missjonijiet tan-NU jew preżenzi tas-sigurtà internazzjonali, inkluż il-MINUSCA, il-Missjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-operazzjonijiet Franċiżi li jappoġġawhom.'

***Informazzjoni addizzjonali:***

Abdoulaye Hissène u membri oħra tal-eks-Séléka kkollaboraw ma' instigaturi anti-balaka alleati mal-eks-President tar-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA) François Bozizé, inkluż Maxime Mokom, biex jinkoraġġixxu protesti vjolenti u ġlied f'Settembru tal-2015 bħala parti minn attentat ta' kolp ta' stat li falla biex iwaqqa' l-Gvern waqt li l-President Transizzjonali ta' dakinhar Catherine Samba-Panza kienet qed tattendi l-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-2015. Mokom, Hissène, u oħrajn ġew akkużati mill-gvern tar-RĊA b'diversi reati kriminali, inkluż qtil, ħruq, tortura, u sakkeġġi, li rriżultaw mill-kolp ta' stat li falla.

Mill-2015, Hissène kien sar wieħed mill-mexxejja ewlenin tal-milizzji armati li jinsabu fil-kwartier "PK5" ta' Bangui u li kienu jinkludu aktar minn 100 raġel. Huwa xekkel il-libertà ta' moviment u t-treġġigħ lura tal-awtorità tal-istat fiż-żona, inkluż permezz ta' tassazzjoni illegali tat-trasport u attivitajiet kummerċjali. Fit-tieni nofs tal-2015, Hissène aġixxa bħala r-rappreżentant tan-"Nairobisti" tal-eks-Séléka f'Bangui li operaw fil-qafas ta' ravviċinament mal-ġellieda anti-balaka taħt Mokom. Irġiel armati taħt il-kontroll ta' Haroun Gaye u Hissène pparteċipaw fil-ġrajjiet vjolenti li seħħew f'Bangui bejn is-26 ta' Settembru u t-3 ta' Ottubru 2015.

Il-membri tal-grupp ta' Hissène huma ssuspettati li kienu involuti f'attakk fit-13 ta' Diċembru 2015 — il-jum tar-referendum kostituzzjonali — fuq il-vettura ta' Mohamed Moussa Dhaffane, mexxej tal-eks-Séléka. Hissène huwa akkużat li orkestra l-vjolenza fid-distrett KM5 ta' Bangui li biha nqatlu ħames persuni, indarbu għoxrin, u żammet lir-residenti milli jivvutaw fir-referendum kostituzzjonali. Hissène qiegħed l-elezzjonijiet f'riskju billi ħoloq ċiklu ta' attakki ta' ritaljazzjoni bejn gruppi differenti.

Fil-15 ta' Marzu 2016, Hissène nqabad mill-pulizija fl-ajruport M'poko ta' Bangui u ġie ttrasferit lit-taqsima ta' riċerka u investigazzjoni tal-ġendarmerija nazzjonali. Il-milizzja tiegħu sussegwentement ħelsuh, bl-użu tal-forza, u serqet arma li preċedentement kienet mgħoddija minn MINUSCA bħala parti minn talba għal eżenzjoni approvata mill-Kumitat.

Fid-19 ta' Ġunju 2016, wara l-arrest ta' negozjanti Musulmani minn forzi tas-sigurtà interni f'"PK 12", il-milizzji ta' Gaye u Hissène ħatfu ħames pulizija nazzjonali f'Bangui. Fl-20 ta' Ġunju, il-MINUSCA għamlet tentattiv biex teħles il-pulizija. Irġiel armati taħt il-kontroll ta' Hissène u Gaye kienu involuti fi sparar ma' forzi taż-żamma tal-paċi li ppruvaw jeħilsu l-ostaġġi. B'riżultat ta' dan, inqatlu mill-inqas sitt individwi u indarab membru tal-forzi għaż-żamma tal-paċi.

Fit-12 ta' Awwissu 2016, Hissène mexxa konvoj ta' sitt vetturi b'individwi armati sew. Il-konvoj, li kien qed jaħrab minn Bangui, ġie interċettat minn MINUSCA fin-Nofsinhar ta' Sibut. Fi triqtu lejn it-Tramuntana, il-konvoj kien involut fi sparar ma' forzi tas-sigurtà interna f'diversi punti ta' kontroll. Il-konvoj eventwalment twaqqaf minn MINUSCA 40 km min-Nofsinhar ta' Sibut. Wara bosta ġlidiet b'armi tan-nar, MINUSCA qabdet 11-il raġel, iżda Hissène u diversi oħra ħarbu. Individwi arrestati indikaw lil MINUSCA li Hissène kien il-mexxej tal-konvoj li l-għan tiegħu kien li jasal Bria u jipparteċipa fl-Assemblea tal-gruppi eks-Séléka li ġiet organizzata minn Nourredine Adam.

F'Awwissu u Settembru 2016, il-Bord ta' Esperti żar Sibut darbtejn sabiex jispezzjona l-oġġetti personali tal-konvoj ta' Hissène, Gaye u Hamit Tidjani, li nqabad minn MINUSCA fit-13 ta' Awwissu. Il-Bord spezzjona wkoll il-munizzjon maqbud fid-dar ta' Hissène fis-16 ta' Awwissu. Tagħmir militari letali u mhux letali ġie rkuprat mis-sitt vetturi u mill-individwi maqbuda. Fis-16 ta' Awwissu 2016, il-Ġendarmerija Ċentrali għamlet rejd fid-dar ta' Hissène f'Bangui. Instabu aktar minn 700 arma.

Fl-4 ta' Settembru 2016, grupp ta' elementi eks-Séléka li kienu ġejjin minn Kaga-Bandoro fuq sitt muturi biex jiġbru lil Hissène u l-affiljati tiegħu fetħu n-nar kontra MINUSCA ħdejn Dékoa. Waqt dan l-inċident, inqatel ġellied eks-Séléka, u żewġ membri tal-forzi taż-żamma tal-paċi u ċivili sfaw midruba."

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/758

## tal-31 ta' Jannar 2019

## li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-azzjoni minima u t-tipi ta' miżuri addizzjonali li jridu jittieħdu mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji sabiex irażżnu r-riskju mill-ħasil tal-flus u mill-finanzjament tat-terroriżmu f'ċerti pajjiżi terzi

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 45(7) tagħha,

Billi:

(1) L-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istituzzjonijiet finanzjarji huma obbligati li jidentifikaw, jivvalutaw u jwettqu ġestjoni tar-riskju marbut mal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu li huma esposti għalih, b'mod partikolari meta dawn ikollhom sussidjarji b'maġġoranza tal-ishma jew fergħat stabbiliti f'pajjiżi terzi jew għaliex ikunu qed jikkunsidraw jekk jistabbilux fergħat jew sussidjarji b'maġġoranza tal-ishma f'pajjiżi terzi. Għaldaqstant id-Direttiva (UE) 2015/849 tistabbilixxi standards għall-valutazzjoni u l-ġestjoni effettivi tar-riskju marbut mal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fil-livell tal-grupp.

(2) L-implimentazzjoni konsistenti ta' politiki u proċeduri kontra l-ħasil tal-flus u li jiġġieldu l-finanzjament tat-terroriżmu fost il-gruppi kollha hija fundamentali għall-ġestjoni robusta u effettiva tar-riskju marbut mal-ħasil tal-flus u mal-finanzjament tat-terroriżmu fi ħdan il-grupp.

(3) Madankollu, hemm ċirkostanzi fejn grupp jopera fergħat jew sussidjarji b'maġġoranza tal-ishma f'pajjiż terz li l-liġi tiegħu ma tkunx tippermetti l-implimentazzjoni ta' politiki u proċeduri kontra l-ħasil tal-flus u li jiġġieldu l-finanzjament tat-terroriżmu fost il-gruppi kollha. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, meta l-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data* personali jew is-segretezza bankarja ta' pajjiż terz tillimita l-abbiltà tal-grupp li jaċċessa, jipproċessa jew iwettaq skambju tal-informazzjoni relatata mal-klijenti ta' fergħat jew ta' sussidjarji b'maġġoranza tal-ishma f'pajjiż terz.

(4) F'dawk iċ-ċirkostanzi, u f'sitwazzjonijiet fejn l-abbiltà tal-awtoritajiet kompetenti li effettivament iwettqu superviżjoni tal-konformità tal-grupp mar-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2015/849 tkun imxekkla minħabba li l-awtoritajiet kompetenti ma jkollhomx aċċess għall-informazzjoni rilevanti miżmuma fil-fergħat jew fis-sussidjarji b'maġġoranza tal-ishma f'pajjiżi terzi, ikunu jenħtieġu politiki u proċeduri addizzjonali għall-ġestjoni b'mod effettiv tar-riskju marbut mal-ħasil tal-flus u mal-finanzjament tat-terroriżmu. Dawn il-politiki u l-proċeduri addizzjonali jistgħu jinkludu l-ksib ta' kunsens mill-klijenti, li jista' jservi biex jingħelbu l-ostakli ġuridiċi għall-implimentazzjoni tal-politiki u l-proċeduri kontra l-ħasil tal-flus u li jiġġieldu l-finanzjament tat-terroriżmu fost il-gruppi kollha f'pajjiżi terzi fejn l-opzjonijiet l-oħra huma limitati.

(5) Il-ħtieġa li jiġi żgurat rispons konsistenti u fil-livell tal-Unjoni għall-ostakli ġuridiċi għall-implimentazzjoni tal-politiki u l-proċeduri fost il-gruppi kollha tiġġustifika li jkun impost li l-istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu jkunu meħtieġa li jieħdu azzjonijiet minimi u speċifiċi f'sitwazzjonijiet bħal dawk. Madankollu, politiki u proċeduri addizzjonali bħal dawn għandhom ikunu bbażati fuq ir-riskju.

(6) Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istituzzjonijiet finanzjarji jkunu jistgħu juru bil-provi lill-awtorità kompetenti tagħhom li l-iskala tal-miżuri addizzjonali li jkunu ħadu tkun adattata fid-dawl tar-riskju marbut mal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Madankollu, f'każ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu tal-fehma li l-miżuri addizzjonali meħuda minn istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja ma jkunux biżżejjed biex iwettqu

([1]) ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73.

ġestjoni ta' dak ir-riskju, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tkun tista' tagħti direzzjonijiet lill-istituzzjoni ta' kreditu jew lill-istituzzjoni finanzjarja biex tieħu miżuri speċifiċi sabiex taċċerta l-konformità tal-istituzzjoni ta' kreditu jew tal-istituzzjoni finanzjarja mal-obbligi tagħha kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu.

(7) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] u r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4] jagħtu s-setgħa lill-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), lill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) u lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), rispettivament, biex joħorġu linji gwida konġunti biex jaċċertaw l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tad-dritt tal-Unjoni. Biex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istituzzjonijiet finanzjarji jenħtieġ li jqisu l-linji gwida konġunti maħruġa f'konformità mal-Artikolu 17 u mal-Artikolu 18(4) tad-Direttiva (UE) 2015/849 dwar id-diliġenza dovuta tal-klijent simplifikata u mtejba u l-fatturi li l-istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu jenħtieġ li jikkunsidraw meta jivvalutaw ir-riskju marbut mal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu assoċjat mar-relazzjonijiet individwali ta' negozju u tranżazzjonijiet okkażjonali u jagħmlu l-almu tagħhom biex jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida.

(8) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikunu mingħajr preġudizzju għad-dover tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tagħhom li jeżerċitaw azzjonijiet superviżorji addizzjonali kif stipulat fl-Artikolu 45(5) tad-Direttiva (UE) 2015/849 f'każijiet li fihom l-applikazzjoni tal-miżuri addizzjonali definiti minn dan ir-Regolament tirriżulta li ma tkunx biżżejjed.

(9) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jenħtieġ ukoll li jkunu mingħajr preġudizzju għall-miżuri ta' diliġenza dovuta mtejba li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istituzzjonijiet finanzjarji huma meħtieġa/obbligati li jieħdu meta jittrattaw ma' persuni fiżiċi jew entitajiet ġuridiċi stabbiliti fil-pajjiżi identifikati mill-Kummissjoni bħala ta' riskju għoli skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/849.

(10) Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu jingħataw biżżejjed żmien biex jaġġustaw il-politiki u l-proċeduri tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, huwa xieraq li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun tista' tiġi differita bi tliet xhur mid-data li fiha jidħol fis-seħħ.

(11) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji żviluppati mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (l-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), ippreżentati lill-Kummissjoni.

(12) L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej wettqu konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħin dwar l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jistipula sett ta' miżuri addizzjonali, inkluża l-azzjoni minima, li trid tittieħed mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u mill-istituzzjonijiet finanzjarji biex iwettqu ġestjoni effettiva tar-riskju marbut mal-ħasil tal-flus u mal-finanzjament tat-terroriżmu meta liġi ta' pajjiż terz ma tippermettix l-implimentazzjoni ta' politiki u proċeduri fost il-gruppi kollha, kif imsemmi fl-Artikolu 45(1) u (3) tad-Direttiva (UE) 2015/849 fil-livell tal-fergħat jew tas-sussidjarji b'maġġoranza tal-ishma li jkunu parti minn grupp u stabbiliti fil-pajjiż terz.

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

[4] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

*Artikolu 2*

**Obbligi ġenerali għal kull pajjiż terz**

Għal kull pajjiż terz li fih ikunu stabbilew fergħa jew ikunu sidien ta' sussidjarja b'maġġoranza tal-ishma, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom minn tal-inqas:

(a) jivvalutaw ir-riskju marbut mal-ħasil tal-flus u mal-finanzjament tat-terroriżmu għall-grupp tagħhom, jirrekordjaw dik il-valutazzjoni, iżommuha aġġornata u jżommuha sabiex ikunu jistgħu jikkondividuha mal-awtorità kompetenti tagħhom;

(b) jaċċertaw li r-riskju msemmi fil-punt (a) jiġi rifless kif suppost fil-politiki u l-proċeduri tagħhom fost il-gruppi kollha kontra l-ħasil tal-flus u rigward il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu;

(c) jiksbu approvazzjoni mill-maniġment superjuri fil-livell tal-grupp għall-valutazzjoni tar-riskju msemmi fil-punt (a) u għall-politiki u l-proċeduri fost il-gruppi kollha kontra l-ħasil tal-flus u rigward il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu msemmija fil-punt (b);

(d) jipprovdu taħriġ immirat lill-membri tal-persunal rilevanti fil-pajjiż terz sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw l-indikaturi tar-riskju marbut mal-ħasil tal-flus u mal-finanzjament tat-terroriżmu, u jaċċertaw li t-taħriġ ikun effettiv.

*Artikolu 3*

**Valutazzjonijiet tar-riskju individwali**

1. Meta l-liġi tal-pajjiż terz tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-applikazzjoni ta' politiki u proċeduri li huma neċessarji biex ikun identifikat u vvalutat b'mod xieraq ir-riskju marbut mal-ħasil tal-flus u mal-finanzjament tat-terroriżmu assoċjat ma' relazzjoni ta' negozju jew ma' tranżazzjoni okkażjonali minħabba restrizzjonijiet fuq l-aċċess għall-informazzjoni rilevanti dwar il-klijenti u s-sjieda benefiċjarja jew restrizzjonijiet fuq l-użu ta' tali informazzjoni għal skopijiet ta' diliġenza dovuta tal-klijent, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom minn tal-inqas:

(a) jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju mingħajr dewmien bla bżonn u, fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 28 jum kalendarju wara l-identifikazzjoni tal-pajjiż terz, b'dan li ġej:

  (i) isem il-pajjiż terz ikkonċernat;

  (ii) kif l-implimentazzjoni tal-liġi tal-pajjiż terz tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-applikazzjoni tal-politiki u tal-proċeduri li huma neċessarji biex jiġi identifikat u vvalutat ir-riskju marbut mal-ħasil tal-flus u mal-finanzjament tat-terroriżmu assoċjat ma' klijent;

(b) jaċċertaw li l-fergħat jew is-sussidjarji b'maġġoranza tal-ishma tagħhom li jkunu stabbiliti fil-pajjiż terz jiddeterminaw jekk jistax jintuża l-kunsens tal-klijenti tagħhom, u meta applikabbli, tas-sidien benefiċjarji tal-klijenti tagħhom, sabiex jingħelbu b'mod legali r-restrizzjonijiet jew il-projbizzjonijiet imsemmija fil-punt (a)(ii);

(c) jaċċertaw li l-fergħat jew is-sussidjarji b'maġġoranza tal-ishma tagħhom li jkunu stabbiliti fil-pajjiż terz jirrikjedu lill-klijenti tagħhom u, meta applikabbli, lis-sidien benefiċjarji tal-klijenti tagħhom, jagħtu l-kunsens biex jegħlbu r-restrizzjonijiet jew il-projbizzjonijiet imsemmija fil-punt (a)(ii) sal-punt li dan ikun kompatibbli mal-liġi tal-pajjiż terz.

2. Meta l-kunsens imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1 ma jkunx fattibbli, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jieħdu miżuri addizzjonali kif ukoll il-miżuri standard tagħhom kontra l-ħasil tal-flus u li jiġġieldu l-finanzjament tat-terroriżmu, biex iwettqu ġestjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu.

Dawn il-miżuri addizzjonali għandhom jinkludu l-miżura addizzjonali stabbilita fil-punt (c) tal-Artikolu 8 u miżura waħda jew aktar fost il-miżuri stabbiliti fil-punti (a), (b), (d), (e) u (f) ta' dak l-Artikolu.

Meta istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja ma tkunx tista' effettivament twettaq ġestjoni tar-riskju marbut mal-ħasil tal-flus u mal-finanzjament tat-terroriżmu billi tapplika l-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2, din għandha:

(a) taċċerta li l-fergħa jew is-sussidjarja b'maġġoranza tal-ishma ġġib fi tmiemha r-relazzjoni ta' negozju;

(b) taċċerta li l-fergħa jew is-sussidjarja b'maġġoranza tal-ishma ma twettaqx it-tranżazzjoni okkażjonali;

(c) tagħlaq uħud mill-operazzjonijiet jew l-operazzjonijiet kollha provduti mill-fergħa u mis-sussidjarja b'maġġoranza tal-ishma tagħha stabbiliti fil-pajjiż terz.

3. L-istituzzjonijiet ta' kreditu jew l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jiddeterminaw l-iskala tal-miżuri addizzjonali msemmija fil-paragrafi 2 u 3 fuq bażi ta' sensittività għar-riskju u jkunu kapaċi juru bil-provi lill-awtorità kompetenti tagħhom li l-iskala tal-miżuri addizzjonali hija adattata fid-dawl tar-riskju marbut mal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

*Artikolu 4*

**Kondiviżjoni u pproċessar tad-data tal-klijenti**

1. Meta liġi ta' pajjiż terz tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-kondiviżjoni jew l-ipproċessar tad-*data* tal-klijenti għal skopijiet li jiġu miġġielda l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fil-grupp, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom minn tal-inqas:

(a) jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju mingħajr dewmien bla bżonn u, fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 28 jum wara l-identifikazzjoni tal-pajjiż terz, b'dan li ġej:

 (i) isem il-pajjiż terz ikkonċernat;

 (ii) kif l-implimentazzjoni tal-liġi tal-pajjiż terz tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-kondiviżjoni jew l-ipproċessar ta' *data* tal-klijenti għal skopijiet li jiġu miġġielda l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;

(b) jaċċertaw li l-fergħat jew is-sussidjarji b'maġġoranza tal-ishma tagħhom li jkunu stabbiliti fil-pajjiż terz jiddeterminaw jekk jistax jintuża l-kunsens tal-klijenti tagħhom, u meta applikabbli, tas-sidien benefiċjarji tal-klijenti tagħhom, sabiex jingħelbu b'mod legali r-restrizzjonijiet jew il-projbizzjonijiet imsemmija fil-punt (a)(ii);

(c) jaċċertaw li l-fergħat jew is-sussidjarji b'maġġoranza tal-ishma tagħhom li jkunu stabbiliti fil-pajjiż terz jirrikjedu lill-klijenti tagħhom u, meta applikabbli, lis-sidien benefiċjarji tal-klijenti tagħhom, jipprovdu l-kunsens biex jegħlbu r-restrizzjonijiet jew il-projbizzjonijiet imsemmija fil-punt (a)(ii) sal-punt li dan ikun kompatibbli mal-liġi tal-pajjiż terz.

2. F'każijiet li fihom il-kunsens imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1 ma jkunx fattibbli, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jieħdu miżuri addizzjonali kif ukoll il-miżuri standard tagħhom kontra l-ħasil tal-flus u li jiġġieldu l-finanzjament tat-terroriżmu, biex iwettqu ġestjoni tar-riskju. Dawn il-miżuri addizzjonali għandhom jinkludu l-miżura addizzjonali stabbilita fil-punt (a) tal-Artikolu 8 jew il-miżura addizzjonali stabbilita fil-punt (c) ta' dak l-Artikolu. Meta r-riskju marbut mal-ħasil tal-flus u mal-finanzjament tat-terroriżmu jkun biżżejjed biex jirrikjedi miżuri addizzjonali, l-istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu għandhom japplikaw miżura addizzjonali waħda jew aktar mill-miżuri li jifdal stabbiliti fil-punti minn (a) sa (c) tal-Artikolu 8.

3. Meta istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja ma tkunx tista' effettivament twettaq ġestjoni tar-riskju marbut mal-ħasil tal-flus u mal-finanzjament tat-terroriżmu billi tapplika l-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2, din għandha tagħlaq uħud mill-operazzjonijiet jew l-operazzjonijiet kollha provduti mill-fergħa u mis-sussidjarja b'maġġoranza tal-ishma tagħha stabbiliti fil-pajjiż terz.

4. L-istituzzjonijiet ta' kreditu jew l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jiddeterminaw l-iskala tal-miżuri addizzjonali msemmija fil-paragrafi 2 u 3 fuq bażi ta' sensittività għar-riskju u jkunu kapaċi juru bil-provi lill-awtorità kompetenti tagħhom li l-iskala tal-miżuri addizzjonali hija adattata fid-dawl tar-riskju marbut mal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

*Artikolu 5*

**Divulgazzjoni tal-informazzjoni relatata mat-tranżazzjonijiet suspettużi**

1. Meta l-liġi tal-pajjiż terz tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-kondiviżjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 33(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849 minn fergħat u minn sussidjarji b'maġġoranza tal-ishma stabbiliti fil-pajjiż terz ma' entitajiet oħra fil-grupp tagħhom, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom minn tal-inqas:

(a) jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju mingħajr dewmien bla bżonn u, fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 28 jum wara l-identifikazzjoni tal-pajjiż terz, b'dan li ġej:

 (i) isem il-pajjiż terz ikkonċernat;

 (ii) kif l-implimentazzjoni tal-liġi tal-pajjiż terz tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-kondiviżjoni jew l-ipproċessar tal-kontenut tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 33(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849 identifikata minn fergħa u sussidjarja b'maġġoranza tal-ishma stabbilita f'pajjiż terz ma' entitajiet oħra fil-grupp tagħhom;

(b) jirrikjedu lill-fergħa jew lis-sussidjarja b'maġġoranza tal-ishma tipprovdi informazzjoni rilevanti lill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni ta' kreditu jew tal-istituzzjoni finanzjarja sabiex dan ikun jista' jivvaluta r-riskju marbut mal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu assoċjat mal-operazzjoni ta' tali fergħa jew sussidjarja b'maġġoranza tal-ishma u l-impatt li dan għandu fuq il-grupp, bħal:

(i) l-għadd ta' tranżazzjonijiet suspettużi rrapportati fi żmien perjodu stabbilit;

(ii) data statistika aggregata li tipprovdi ħarsa ġenerali taċ-ċirkostanzi li jkunu wasslu għas-suspett.

2. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jieħdu miżuri addizzjonali kif ukoll il-miżuri standard tagħhom kontra l-ħasil tal-flus u li jiġġieldu l-finanzjament tat-terroriżmu u l-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 biex iwettqu ġestjoni tar-riskju.

Dawn il-miżuri addizzjonali għandhom jinkludu miżura addizzjonali waħda jew aktar minn fost dawk stabbiliti fil-punti minn (a) sa (c) u minn (g) sa (i) tal-Artikolu 8.

3. Meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istituzzjonijiet finanzjarja ma jkunux jistgħu effettivament iwettqu ġestjoni tar-riskju marbut mal-ħasil tal-flus u mal-finanzjament tat-terroriżmu billi japplikaw il-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2, dawn għandhom jagħlqu wħud mill-operazzjonijiet jew l-operazzjonijiet kollha provduti mill-fergħa jew mis-sussidjarja b'maġġoranza tal-ishma tagħhom stabbiliti fil-pajjiż terz.

4. L-istituzzjonijiet ta' kreditu jew l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jiddeterminaw l-iskala tal-miżuri addizzjonali msemmija fil-paragrafi 2 u 3 fuq bażi ta' sensittività għar-riskju u jkunu kapaċi juru bil-provi lill-awtorità kompetenti tagħhom li l-iskala tal-miżuri addizzjonali hija adattata fid-dawl tar-riskju marbut mal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

*Artikolu 6*

**Trasferiment tad-data tal-klijenti lill-Istati Membri**

Meta l-liġi tal-pajjiż terz tipprojbixxi jew tirrestrinġi t-trasferiment tad-*data* relatata mal-klijenti ta' fergħa u sussidjarja b'maġġoranza tal-ishma stabbiliti f'pajjiż terz lil Stat Membru għall-iskop tas-superviżjoni għall-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom minn tal-inqas:

(a) jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju mingħajr dewmien bla bżonn u, fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 28 jum kalendarju wara l-identifikazzjoni tal-pajjiż terz, b'dan li ġej:

(i) isem il-pajjiż terz ikkonċernat;

(ii) kif l-implimentazzjoni tal-liġi tal-pajjiż terz tipprojbixxi jew tirrestrinġi t-trasferiment tad-*data* relatata mal-klijenti għall-iskop tas-superviżjoni għall-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu;

(b) iwettqu analiżijiet imtejba, inkluż, meta dan ikun proporzjonat mar-riskju marbut mal-ħasil tal-flus u mal-finanzjament tat-terroriżmu assoċjat mal-operazzjoni tal-fergħa jew tas-sussidjarja b'maġġoranza tal-ishma stabbilita fil-pajjiż terz, verifiki fuq il-post jew awditi indipendenti, biex ikunu ssodisfati li l-fergħa jew is-sussidjarja b'maġġoranza tal-ishma effettivament timplimenta l-politiki u l-proċeduri fost il-gruppi kollha u li din b'mod xieraq tidentifika u tivvaluta r-riskji marbuta mal-ħasil tal-flus u mal-finanzjament tat-terroriżmu u twettaq ġestjoni tagħhom.

(c) jipprovdu l-konklużjonijiet tal-analiżijiet imsemmija fil-punt (b) lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju jekk jintalbu jagħmlu dan;

(d) jirrikjedu lill-fergħa jew lis-sussidjarja b'maġġoranza tal-ishma stabbilita fil-pajjiż terz biex regolarment tipprovdi informazzjoni rilevanti lill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni ta' kreditu jew tal-istituzzjoni finanzjarja, inkluż minn tal-inqas dan li ġej:

(i) l-għadd ta' klijenti b'riskju għoli u *data* statistika aggregata li tipprovdi ħarsa ġenerali tar-raġunijiet għaliex il-klijenti jkunu ġew ikklassifikati bħala b'riskju għoli, bħall-istatus ta' persuna politikament esposta;

(ii) l-għadd ta' tranżazzjonijiet suspettużi identifikati u rrapportati u *data* statistika aggregata li tipprovdi ħarsa ġenerali taċ-ċirkostanza li jkunu wasslu għas-suspett;

(e) jqiegħdu l-informazzjoni msemmija fil-punt (d) għad-disponibbiltà tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju jekk jintalbu jagħmlu dan.

*Artikolu 7*

**Żamma tar-rekords**

1. Meta l-liġi tal-pajjiż terz tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-applikazzjoni tal-miżuri taż-żamma tar-rekords ekwivalenti għal dawk speċifikati fil-Kapitolu V tad-Direttiva (UE) 2015/849, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom minn tal-anqas:

(a) jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju mingħajr dewmien bla bżonn u, fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 28 jum wara l-identifikazzjoni tal-pajjiż terz, b'dan li ġej:

(i) isem il-pajjiż terz ikkonċernat;

(ii) kif l-implimentazzjoni tal-liġi tal-pajjiż terz tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-applikazzjoni tal-miżuri taż-żamma tar-rekords ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva (UE) 2015/849;

(b) jistabbilixxu jekk il-kunsens mill-klijenti u, meta applikabbli, is-sid benefiċjarju tagħhom, jistax jintuża biex jingħelbu b'mod legali r-restrizzjonijiet jew il-projbizzjonijiet imsemmija fil-punt (a)(ii);

(c) jaċċertaw li l-fergħat jew is-sussidjarji b'maġġoranza tal-ishma tagħhom li jkunu stabbiliti fil-pajjiż terz jirrikjedu lill-klijenti u, meta applikabbli, lis-sidien benefiċjarji tal-klijenti tagħhom, jipprovdu l-kunsens biex jegħlbu r-restrizzjonijiet jew il-projbizzjonijiet imsemmija fil-punt (a)(ii) sal-punt li dan ikun kompatibbli mal-liġi tal-pajjiż terz.

2. F'każijiet li fihom il-kunsens imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1 ma jkunx fattibbli, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jieħdu miżuri addizzjonali kif ukoll il-miżuri standard tagħhom kontra l-ħasil tal-flus u li jiġġieldu l-finanzjament tat-terroriżmu u l-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 biex iwettqu ġestjoni tar-riskju. Dawn il-miżuri addizzjonali għandhom jinkludu miżura addizzjonali waħda jew aktar minn fost dawk stabbiliti fil-punti minn (a) sa (c) u (j) tal-Artikolu 8.

3. L-istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu għandhom jiddeterminaw l-iskala tal-miżuri addizzjonali msemmija fil-paragrafu 2 fuq bażi ta' sensittività għar-riskju u jkunu kapaċi juru bil-provi lill-awtorità kompetenti tagħhom li l-iskala tal-miżuri addizzjonali hija adattata fid-dawl tar-riskju marbut mal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

*Artikolu 8*

**Miżuri addizzjonali**

L-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jieħdu l-miżuri addizzjonali li ġejjin skont l-Artikolu 3(2), l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 5(2) u l-Artikolu 7(2) rispettivament:

(a) jaċċertaw li l-fergħat jew is-sussidjarji b'maġġoranza tal-ishma tagħhom li jkunu stabbiliti fil-pajjiż terz jirrestrinġu n-natura u t-tip tal-prodotti u s-servizzi finanzjarji provduti mill-fergħa tas-sussidjarja b'maġġoranza tal-ishma fil-pajjiż terz għal dawk li jippreżentaw riskju baxx ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu u għandhom impatt baxx fuq l-esponiment tal-grupp għar-riskju;

(b) jaċċertaw li entitajiet oħra tal-istess grupp ma jiddependux fuq il-miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijent imwettqa minn fergħa jew sussidjarja b'maġġoranza tal-ishma stabbilita fil-pajjiż terz, iżda minflok iwettqu diliġenza dovuta tal-klijent fuq kwalunkwe klijent ta' fergħa jew sussidjarja b'maġġoranza tal-ishma stabbilita fil-pajjiż terz li jkun jixtieq li waħda minn dawk l-entitajiet tal-istess grupp jipprovdulu prodotti jew servizzi anki jekk il-kundizzjonijiet fl-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2015/849 ikunu ssodisfati;

(c) iwettqu analiżijiet imtejba, inkluż, meta dan ikun proporzjonat mar-riskju marbut mal-ħasil tal-flus u mal-finanzjament tat-terroriżmu assoċjat mal-operazzjoni tal-fergħa jew tas-sussidjarja b'maġġoranza tal-ishma stabbilita fil-pajjiż terz, verifiki fuq il-post jew awditi indipendenti, biex ikunu ssodisfati li l-fergħa jew is-sussidjarja b'maġġoranza tal-ishma effettivament tidentifika u tivvaluta r-riskji marbuta mal-ħasil tal-flus u mal-finanzjament tat-terroriżmu u twettaq ġestjoni tagħhom;

(d) jaċċertaw li l-fergħat jew is-sussidjarji b'maġġoranza tal-ishma tagħhom li jkunu stabbiliti fil-pajjiż terz jippruvaw jiksbu l-approvazzjoni tal-maniġment superjuri tal-istituzzjoni ta' kreditu jew tal-istituzzjoni finanzjarja għall-istabbiliment u l-manteniment ta' relazzjonijiet ta' negozju b'riskji ogħla, jew għat-twettiq ta' tranżazzjoni okkażjonali b'riskju ogħla;

(e) jaċċertaw li l-fergħat jew is-sussidjarji b'maġġoranza tal-ishma tagħhom li jkunu stabbiliti fil-pajjiż terz jiddeterminaw is-sors u, meta applikabbli, id-destinazzjoni tal-fondi li għandhom jintużaw fir-relazzjoni ta' negozju jew fit-tranżazzjoni okkażjonali;

(f) jaċċertaw li l-fergħat jew is-sussidjarji b'maġġoranza tal-ishma tagħhom li jkunu stabbiliti fil-pajjiż terz iwettqu monitoraġġ kontinwu mtejjeb tar-relazzjoni ta' negozju inkluż monitoraġġ imtejjeb tat-tranżazzjonijiet, sakemm il-fergħat jew is-sussidjarji b'maġġoranza tal-ishma jkunu raġonevolment issodisfati li jifhmu r-riskju marbut mal-ħasil tal-flus u mal-finanzjament tat-terroriżmu assoċjat mar-relazzjoni ta' negozju;

(g) jaċċertaw li l-fergħat jew is-sussidjarji b'maġġoranza tal-ishma tagħhom li jkunu stabbiliti fil-pajjiż terz jikkondividu mal-istituzzjoni ta' kreditu jew mal-istituzzjoni finanzjarja l-informazzjoni ta' rapport dwar tranżazzjonijiet suspettużi li tkun wasslet għall-għarfien, is-suspett jew ir-raġunijiet raġonevoli li jkunu suspettati tentattivi jew okkorrenzi ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, bħal fatti, tranżazzjonijiet, ċirkostanzi u dokumenti li fuqhom jibbażaw is-suspetti, inkluża informazzjoni personali sal-punt li jkun possibbli skont il-liġi tal-pajjiż terz;

(h) jwettqu monitoraġġ kontinwu mtejjeb fuq kwalunkwe klijent u, meta applikabbli, fuq kwalunkwe sid benefiċjarju ta' klijent ta' fergħa jew sussidjarja b'maġġoranza tal-ishma stabbilita fil-pajjiż terz li jkun magħruf li kien soġġett ta' rapporti dwar tranżazzjonijiet suspettużi minn entitajiet oħra tal-istess grupp;

(i) jaċċertaw li l-fergħat jew is-sussidjarji b'maġġoranza tal-ishma tagħhom li jkunu stabbiliti fil-pajjiż terz ikollhom sistemi u kontrolli effettivi fis-seħħ biex jidentifikaw u jirrapportaw tranżazzjonijiet suspettużi;

(j) jaċċertaw li l-fergħat jew is-sussidjarji b'maġġoranza tal-ishma tagħhom li jkunu stabbilit fil-pajjiż terz iżommu aġġornati l-profil tar-riskju u l-informazzjoni dwar id-diliġenza dovuta relatati ma' klijent ta' fergħa jew sussidjarja b'maġġoranza tal-ishma stabbilita fil-pajjiż terz u jżommuhom siguri sakemm ikun legalment possibbli, u fi kwalunkwe każ għal minn tal-anqas id-durata tar-relazzjoni ta' negozju.

*Artikolu 9*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn dne 3. září 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Jannar 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/759

## tat-13 ta' Mejju 2019

## li jistabbilixxi l-miżuri tranżizzjonali għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti tas-saħħa pubblika għall-importazzjonijiet ta' ikel li jkun fih kemm prodotti li joriġinaw mill-pjanti kif ukoll prodotti pproċessati li joriġinaw mill-annimali (prodotti komposti)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 jipprevedi bidliet sinifikanti fir-regoli u l-proċeduri tas-saħħa pubblika (sikurezza alimentari) li magħhom għandhom jikkonformaw l-operaturi tan-negozji tal-ikel. B'mod partikolari, huwa jistabbilixxi ċerti kundizzjonijiet għall-importazzjonijiet tal-ikel li jkun fih kemm prodotti li joriġinaw mill-pjanti u prodotti pproċessati li joriġinaw mill-annimali (prodotti komposti) fl-Unjoni.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/185 ([2]) jipprevedi miżuri tranżizzjonali li jidderogaw minn dawn ir-regoli għall-operaturi tan-negozji tal-ikel li jimportaw ikel li fih kemm prodotti li joriġinaw mill-pjanti kif ukoll prodotti pproċessati li joriġinaw mill-annimali (prodotti komposti), minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 3(1) u (3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 28/2012 ([3]), li għalihom il-kundizzjonijiet tas-saħħa pubblika għall-importazzjoni fl-Unjoni għadhom ma ġewx stabbiliti fil-livell tal-Unjoni. Din id-deroga tapplika sal-31 ta' Diċembru 2020.

(3) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([4]) jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-annimali li huma trasmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin. Dan japplika għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali, u għalhekk għall-prodotti komposti kif definiti fl-Artikolu 2(a) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/275/KE ([5]). Ladarba jsir applikabbli, ir-Regolament se jistabbilixxi r-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi u territorji terzi. Dan ir-Regolament għandu japplika mill-21 ta' April 2021.

(4) Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm ċarezza u konsistenza ġuridika u sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni tal-awtoritajiet għar-regoli l-ġodda, jeħtieġ li jkun hemm data ta' applikazzjoni unika għall-kundizzjonijiet ta' importazzjoni ġodda għall-prodotti komposti koperti mill-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. Għalhekk, it-tmiem ta' dawn il-miżuri tranżizzjonali jenħtieġ li jiġi estiż sal-20 ta' April 2021.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri tranżizzjonali għall-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 għal perjodu tranżizzjonali mill-1 ta' Jannar 2021 sal-20 ta' April 2021.

---

([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/185 tat-2 ta' Frar 2017 li jistabbilixxi miżuri tranżizzjonali għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 29, 3.2.2017, p. 21).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 28/2012 tal-11 ta' Jannar 2012, li jistabbilixxi r-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni tal-importazzjoni għall-Unjoni u tat-tranżitu minn ġol-Unjoni ta' ċerti prodotti komposti u li jemenda d-Deċiżjoni 2007/275/KE u r-Regolament (KE) Nru 1162/2009 (ĠU L 12, 14.1.2012, p. 1)

([4]) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/275/KE tas-17 ta' April 2007 dwar il-listi ta' annimali u prodotti li huma soġġetti għal kontrolli fil-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri skont id-Direttivi tal-Kunsill 91/496/KEE u 97/78/KE (ĠU L 116, 4.5.2007, p. 9)

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "prodott kompost" ifisser prodott kompost kif definit fl-Artikolu 2(a) tad-Deċiżjoni 2007/275/KE.

*Artikolu 3*

**Deroga li tikkonċerna r-rekwiżiti tas-saħħa pubblika għall-importazzjonijiet ta' ikel li jkun fih kemm prodotti li joriġinaw mill-pjanti kif ukoll prodotti pproċessati li joriġinaw mill-annimali**

B'deroga mill-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, l-operaturi tan-negozji tal-ikel li jimportaw ikel li fih kemm prodotti li joriġinaw mill-pjanti kif ukoll prodotti pproċessati li joriġinaw mill-annimali, minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 3(1) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 28/2012 għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

L-importazzjonijiet ta' dawn il-prodotti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-saħħa pubblika għall-importazzjoni tal-Istat Membru li jimportahom.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021 sal-20 ta' April 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/760**

**tat-13 ta' Mejju 2019**

**li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica* bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li l-ikel ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni biss jista' jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni.

(2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ġie adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([2]) li jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat.

(3) Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2015/2283, il-Kummissjoni trid tissottometti abbozz ta' att ta' implimentazzjoni li jawtorizza t-tqegħid ta' ikel ġdid fis-suq tal-Unjoni u dwar l-aġġornament tal-lista tal-Unjoni.

(4) Fl-10 ta' April 2017, il-kumpanija Skotan S.A. ("l-Applikant") għamlet talba skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) lill-awtorità kompetenti tal-Polonja biex il-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica* titqiegħed fis-suq tal-Unjoni bħala ikel ġdid skont it-tifsira tal-punt (d) tal-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament. L-applikazzjoni talbet biex il-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica* tintuża fis-supplimenti tal-ikel. Il-livelli massimi ta' użu proposti mill-applikant huma 3 g kuljum għat-tfal ta' eta bejn tlieta u disa' snin, u 6 g kuljum minn għaxar snin 'l hemm.

(5) Fil-15 ta' Novembru 2017, l-awtorità kompetenti tal-Polonja ħarġet ir-rapport ta' valutazzjoni inizjali tagħha. F'dak ir-rapport, l-awtorità kkonkludiet li l-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica* tissodisfa l-kriterji għal ikel ġdid stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.

(6) Skont l-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283, kull talba għat-tqegħid fis-suq ta' ikel ġdid fl-Unjoni li titressaq lil Stat Membru skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 258/97, u li dwarha ma tkunx ittieħdet id-deċiżjoni finali qabel l-1 ta' Jannar 2018 għandha tiġi ttrattata bħala applikazzjoni li tressqet skont ir-Regolament (UE) 2015/2283.

(7) Filwaqt li t-talba għat-tqegħid fis-suq fl-Unjoni tal-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica* bħala ikel ġdid tressqet lil Stat Membru skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 258/97, l-applikazzjoni tissodisfa wkoll ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2015/2283.

(8) Skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) 2015/2283, fit-22 ta' Ġunju 2018 il-Kummissjoni kkonsultat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità"), u talbitha tagħti opinjoni xjentifika abbażi ta' valutazzjoni tal-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica* bħala ikel ġdid.

(9) Fis-17 ta' Jannar 2019, l-Awtorità adottat is-"Scientific Opinion on the safety of Yarrowia lipolytica yeast biomass as a novel food pursuant to Regulation (UE) 2015/2283" ([4]). Dik l-opinjoni hija konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2015/2283.

([1]) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti ġodda tal-ikel (ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1).

([4]) EFSA Journal 2019;17(2):5594.

(10) L-opinjoni tal-Awtorità tagħti biżżejjed raġunijiet biex jiġi stabbilit li l-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica* fl-użu u fil-livelli tal-użu proposti, meta tintuża fis-supplimenti tal-ikel, tikkonforma mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(11) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) tistabbilixxi rekwiżiti dwar is-supplimenti tal-ikel. L-użu tal-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica* jenħtieġ li jiġi awtorizzat mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Il-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica* kif speċifikata fl-Anness ta' dan ir-Regolament, għandha tiġi inkluża fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470.

2. L-entrata fil-lista tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-kundizzjonijiet tal-użu u r-rekwiżiti tat-tikkettar stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

3. L-awtorizzazzjoni prevista f'dan l-Artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/46/KE.

*Artikolu 2*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

([5]) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51).

*ANNESS*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrata li ġejja tiddaħħal fit-Tabella 1 (L-ikel ġdid awtorizzat) f'ordni alfabetika:

| "Ikel ġdid awtorizzat | Kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel ġdid | | Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi addizzjonali | Rekwiżiti oħra |
|---|---|---|---|---|
| Bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica* | Kategorija tal-ikel speċifikat | Livelli massimi | Id-denominazzjoni tal-ikel ġdid fuq it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel għandha tkun "bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica* meqruda bis-sħana"" | |
| | Is-Supplimenti tal-Ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE, għajr is-supplimenti tal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar | 6 g/kuljum għat-tfal minn għaxar snin 'il fuq, għall-adolexxenti u għall-popolazzjoni adulta ġenerali<br>3 g/kuljum għat-tfal ta' età bejn tlieta u disa' snin | | |

(2) L-entrata li ġejja tiddaħħal fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet) f'ordni alfabetika:

| "Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjoni |
|---|---|
| Bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica* | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>L-ikel ġdid huwa l-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica* mnixxfa u meqruda bis-sħana.<br>**Karatteristiċi/Kompożizzjoni:**<br>Proteina: 45-55 g/100 g<br>Fibra: 24-30 g/100 g<br>Zokkor: < 1,0 g/100 g<br>Xaħam: 7-10 g/100 g<br>Irmied totali: ≤ 12 %<br>Kontenut ta' ilma: ≤ 5 %<br>Kontenut ta' materja niexfa: ≥ 95 %<br>**Kriterji mikrobijoloġiċi:**<br>Għadd Mikrobjali Aerobiku Totali: ≤ 5 × $10^3$ CFU/g<br>Għadd ta' Ħmira u Moffa Totali: ≤ $10^2$ CFU/g<br>Ċelloli vijabbli tal-*Yarrowia lipolytica* [1]: < 10 CFU/g (jiġifieri l-limitu ta' detezzjoni)<br>Koliformi: ≤ 10 CFU/g<br>*Salmonella* spp.: Nuqqas f'25 g |

(1) Iridu jiġu ttestjati immedjatament wara l-pass tat-trattament bis-sħana. Il-miżuri jridu jkunu fis-seħħ biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni kroċjata biċ-ċelloli vijabbli tal-*Yarrowia lipolytica* waqt l-imballaġġ u/jew il-ħżin tal-ikel ġdid."

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/761

**tat-13 ta' Mejju 2019**

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Lulju 2014 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/486/PESK ([1]) dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine).

(2) Fl-20 ta' Novembru 2017 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2161 ([2]), li estendiet il-mandat tal-EUAM Ukraine sal-31 ta' Mejju 2019 u pprovdiet ammont ta' referenza finanzjarja għall-istess perijodu. Fit-18 ta' Diċembru 2017 dak l-ammont ta' referenza żdied permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2371 ([3]).

(3) Fil-5 ta' Marzu 2019, wara r-rieżami strateġiku tal-EUAM Ukraine, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà rrakkomanda li l-EUAM Ukraine tiġi estiża sal-31 ta' Mejju 2021.

(4) Għalhekk id-Deċiżjoni 2014/486/PESK jenħtieġ li tiġi estiża sal-31 ta' Mejju 2021.

(5) L-EUAM Ukraine ser titwettaq fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2014/486/PESK għandha tiġi emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 14(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUAM Ukraine għall-perijodu mill-1 ta' Ġunju 2019 sal-31 ta' Mejju 2021 għandu jkun ta' EUR 54 138 700.";

(2) fl-Artikolu 19, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għandha tapplika sal-31 ta' Mejju 2021.".

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/486/PESK tat-22 ta' Lulju 2014 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (ĠU L 217, 23.7.2014, p. 42).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2161 tal-20 ta' Novembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (ĠU L 304, 21.11.2017, p. 48).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2371 tat-18 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (ĠU L 337, 19.12.2017, p. 34).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/762**

**tat-13 ta' Mejju 2019**

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/219/PESK dwar il-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali)**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-15 ta' April 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/219/PESK ([1]) dwar il-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali).

(2) Fil-21 ta' Frar 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/312 ([2]) li testendi l-EUCAP Sahel Mali u li tipprovdilha ammont ta' referenza finanzjarja sal-14 ta' Jannar 2021.

(3) Fil-25 ta' Ġunju 2018, fil-konklużjonijiet tiegħu dwar is-Saħel/Mali, il-Kunsill issottolinja l-importanza tar-reġjonalizzazzjoni tal-PSDK fis-Saħel bil-għan li jissaħħaħ, kif adatt, l-appoġġ ċivili u militari għal kooperazzjoni transkonfinali, l-istrutturi ta' kooperazzjoni reġjonali, b'mod partikolari dawk tal-G5 tas-Saħel, u l-kapaċità u s-sjieda tal-pajjiżi tal-G5 biex jindirizzaw l-isfidi ta' sigurtà fir-reġjun.

(4) Fil-15 ta' Frar 2019, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin tar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania laqa' l-iskjerament previst tal-EUCAP Sahel Mali b'appoġġ għall-G5 tas-Saħel u għall-kapaċitajiet nazzjonali tal-Mauritania.

(5) Fit-18 ta' Frar 2019, il-Kunsill approva Kunċett tal-Operazzjonijiet ċivili-militari konġunt dwar ir-Reġjonalizzazzjoni tal-azzjoni tal-PSDK fis-Saħel.

(6) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/219/PESK tiġi emendata skont dan.

(7) Il-EUCAP Sahel Mali ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' xxekkel il-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2014/219/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Il-EUCAP Sahel Mali għandha tikkontribwixxi, mingħajr preġudizzju għall-mandat ewlieni tagħha fil-Mali, għar-reġjonalizzazzjoni tal-azzjoni tal-PSDK fis-Saħel billi tikkontribwixxi għat-titjib tal-interoperabbiltà u l-koordinazzjoni bejn il-forzi tas-sigurtà interna tal-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel, kif ukoll billi tappoġġa l-kooperazzjoni transkonfinali, billi tappoġġa strutturi ta' kooperazzjoni reġjonali u billi tikkontribwixxi għat-titjib tal-kapaċitajiet nazzjonali tal-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel. Il-EUCAP Sahel Mali tista' twettaq dawk l-attivitajiet fil-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel. Għal dak il-għan, il-EUCAP Sahel Mali għandha tipprovdi taħriġ, konsulenza u appoġġ speċifiku ieħor lill-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel, skont il-mezzi u l-kapaċitajiet tagħha, fuq talba mill-pajjiż ikkonċernat u b'kont meħud tas-sitwazzjoni ta' sigurtà.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/219/PESK tal-15 ta' April 2014 dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea f'Mali (EUCAP Sahel Mali) (ĠU L 113, 16.4.2014, p. 21).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/312 tal-21 ta' Frar 2019 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2014/219/PESK dwar il-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) (ĠU L 51, 22.2.2019, p. 29).

4. Biex tilħaq l-objettiv tagħha, il-EUCAP Sahel Mali għandha topera skont il-linji strateġiċi ta' operazzjoni definiti fil-Kunċett ta' Maniġġar ta' Kriżi approvati mill-Kunsill fis-17 ta' Marzu 2014 u ppreżentati fid-dokumenti ta' ppjanar operazzjonali approvati mill-Kunsill, inkluż il-Kunċett tal-Operazzjonijiet ċivili-militari konġunt dwar ir-Reġjonalizzazzjoni tal-azzjoni tal-PSDK fis-Saħel. Qabel ma tinbeda attività ġdida f'pajjiż tal-G5 tas-Saħel ġdid, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà għandu jiġi infurmat b'dan.";

(2) fl-Artikolu 14(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-EUCAP Sahel Mali bejn l-1 ta' Marzu 2019 u l-14 ta' Jannar 2021 għandu jkun ta' EUR 68 150 000,00.";

(3) l-Artikolu 14a jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandha tiġi stabbilita Ċellula ta' Konsulenza u Koordinazzjoni Reġjonali (RACC) fi ħdan il-EUCAP Sahel Mali.

2. L-RACC għandha tinkludi l-persunal kollokat mal-EUCAP Sahel Mali u l-Esperti għas-Sigurtà Interna u d-Difiża (ISDE) li jinsabu fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għall-Burkina Faso, iċ-Chad, il-Mali il-Mauritania u n-Niġer. L-RACC għandha gradwalment tirriloka persunal minn Bamako għal Nouakchott, f'konformità mal-paragrafu 7 u b'kont meħud tas-sitwazzjoni ta' sigurtà.

3. L-objettivi tal-RACC, f'kooperazzjoni mill-qrib u delegazzjonijiet tal-Unjoni u mal-Missjonijiet eżistenti tal-PSDK fis-Saħel, għandhom ikunu li:

(a) tikkontribwixxi għall-għarfien tas-sitwazzjoni min-naħa tal-Unjoni tal-ħtiġijiet u l-lakuni tas-sigurtà u d-difiża tal-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel li jappartjenu għall-kooperazzjoni transkonfinali reġjonali u li jindirizzaw sfidi ta' sigurtà;

(b) tappoġġa l-istrutturi u l-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel sabiex jiġu msaħħa l-kooperazzjoni reġjonali u l-kapaċitajiet operazzjonali fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà, f'konformità mad-dritt internazzjonali, id-drittijiet tal-bniedem u l-Approċċ Strateġiku tal-UE dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà stabbilit mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu fl-10 ta' Diċembru 2018;

(c) tiffaċilita l-organizzazzjoni ta' taħriġ, il-forniment ta' konsulenza u appoġġ speċifiku ieħor mill-Missjonijiet tal-PSDK tal-Unjoni fis-Saħel għall-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel, b'mod partikolari l-organizzazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ għat-trainees tas-sigurtà u d-difiża ta' dawk il-pajjiżi.

4. L-ISDE għandhom jiġbru informazzjoni relatata ma' kwistjonijiet ta' sigurtà u difiża fil-pajjiżi ospitanti tagħhom. Huma għandhom jipprovdu tali informazzjoni u, fejn xieraq, jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Kap tal-RACC. Huma għandhom iżommu infurmat kif xieraq lill-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni fil-post fejn jinsabu.

5. Il-Kmandant ta' Operazzjoni Ċivili għandu jeżerċita l-kmand u l-kontroll strateġiċi tal-RACC, taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-KPS u l-awtorità ġenerali tar-RGħ. B'deroga mill-Artikolu 6(1), il-Kap tal-RACC għandu jaqa' direttament taħt il-Kmandant ta' Operazzjoni Ċivili u għandu jaġixxi f'konformità mal-istruzzjonijiet mogħtija minnu. Il-Kap tal-RACC għandu joħroġ struzzjonijiet lill-persunal kollu tal-RACC.

6. Il-Kap tal-Missjoni għandu jeżerċita l-awtorità fuq il-persunal tal-RACC fl-applikazzjoni tal-Artikolu 6(2) sa (4) u l-Artikolu 11[, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu.

7. Il-EUCAP Sahel Mali għandha tidħol fl-arranġamenti amministrattivi neċessarji mad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għall-Burkina Faso, iċ-Chad, il-Mali, il-Mauritania u n-Niġer dwar l-appoġġ li għandu jingħata lill-persunal tagħha.

Dawk l-arranġamenti amministrattivi għandhom, b'mod partikolari:

(a) jiżguraw li l-membri tal-persunal tal-EUCAP Sahel Mali, b'mod partikolari l-RACC jingħataw l-appoġġ loġistiku u ta' sigurtà neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tagħhom;

(b) jipprevedu li l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet ikollhom l-awtorità fuq il-membri tal-persunal tal-EUCAP Sahel Mali, b'mod partikolari l-RACC, fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni rispettivi tagħhom, b'mod partikolari sabiex ikunu jistgħu jwettqu d-dmir ta' diliġenza tagħhom, jiżguraw konformità mar-rekwiżiti ta' sigurtà applikabbli u jikkontribwixxu għall-eżerċitar ta' kontroll dixxiplinarju, u jinżammu infurmati kif xieraq minn tali membri tal-persunal dwar l-attivitajiet tagħhom.

(c) jipprevedu li l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet għandhom jiżguraw li l-membri tal-persunal tal-EUCAP Sahel Mali, b'mod partikolari l-RACC, meta jinsabu f'Delegazzjoni tal-Unjoni, igawdu mill-istess privileġġi u immunitajiet kif mogħtija lill-persunal f'dik id-Delegazzjoni tal-Unjoni.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

# DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/763

## tat-13 ta’ Mejju 2019

## li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/798/PESK tat-23 ta’ Diċembru 2013 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 2c tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-23 ta’ Diċembru 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/798/PESK.

(2) Fit-18 ta’ April 2019, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit bis-saħħa tar-Riżoluzzjoni 2127 (2013) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti aġġorna l-informazzjoni li tirrigwarda persuna waħda soġġetta għal miżuri restrittivi.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness għad-Deċiżjoni 2013/798/PESK jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness għad-Deċiżjoni 2013/798/PESK huwa b’dan emendat kif indikat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta’ Mejju 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

([1]) ĠU L 352, 24.12.2013, p. 51.

*ANNESS*

Fid-Deċiżjoni 2013/798/PESK, l-Anness, Parti A (Persuni), l-entrata għall-persuna elenkata hawn taħt hija sostitwita bl-entrata li ġejja:

"12. **Abdoulaye HISSENE (*psewdonimu*: a) Abdoulaye Issène; b) Abdoulaye Hissein; c) Hissene Abdoulaye; d) Abdoulaye Issène Ramadane; e) Abdoulaye Issene Ramadan; f) Issene Abdoulaye)**

**Data tat-twelid**: a) 1967; b) 1 ta' Jannar 1967

**Post tat-twelid:** a) Ndele, Bamingui-Bangoran, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana; b) Haraze Mangueigne, iċ-Chad

**Nazzjonalità:** a) ir-Repubblika Ċentru-Afrikana; b) iċ-Chad

**Nru. tal-passaport:** Passaport diplomatiku tar-RĊA bin-numru D00000897, maħruġ fil-5 ta' April 2013 (validu sal-4 ta' April 2018)

**Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** Numru tal-karta tal-identità nazzjonali taċ-Chad 103-00653129-22, maħruġ fil-21 ta' April 2009 (jiskadi fil-21 ta' April 2019)

**Indirizz:** a) KM5, Bangui, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana; b) Nana-Grebizi, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana; c) Ndjari, Ndjamena, iċ-Chad

**Data tad-deżinjazzjoni min-NU:**17 ta' Mejju 2017

**Informazzjoni oħra:** Hissène kien preċedentement il-Ministru għaż-Żgħażagħ u l-Isport bħala parti mill-Kabinett tal-eks-President tar-Repubblika Ċentru-Afrikana Michel Djotodia. Qabel dan, huwa kien il-kap tal-Konvenzjoni tal-Patrijotti għall-Ġustizzja u l-Paċi, partit politiku. Huwa stabbilixxa wkoll lilu nnifsu bħala l-mexxej tal-milizzji armati f'Bangui, b'mod partikolari fil-kwartier "PK5" (it-tielet distrett). Isem il-missier hu Abdoulaye. Isem l-omm hu Absita Moussa. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/6098910

**Informazzjoni mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdoulaye Hissène ġie elenkat fis-17 ta' Mejju 2017 skont il-paragrafi 16 u 17(g) tar-riżoluzzjoni 2339(2017) bħala li jieħu sehem jew jipprovdi appoġġ għal atti li jdgħajfu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tar-RĊA, inkluż atti li jheddu jew ixekklu l-proċess ta' transizzjoni politika, jew il-proċess ta' stabbilizzazzjoni u rikonċiljazzjoni jew li jħeġġu l-vjolenza;' u li huwa 'involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, l-isponsorizzazzjoni, jew it-twettiq ta' attakki kontra missjonijiet tan-NU jew preżenzi tas-sigurtà internazzjonali, inkluż il-MINUSCA, il-Missjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-operazzjonijiet Franċiżi li jappoġġawhom.'

***Informazzjoni addizzjonali:***

Abdoulaye Hissène u membri oħra tal-eks-Séléka kkollaboraw ma' instigaturi anti-balaka alleati mal-eks-President tar-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA) François Bozizé, inkluż Maxime Mokom, biex jinkoraġġixxu protesti vjolenti u ġlied f'Settembru tal-2015 bħala parti minn attentat ta' kolp ta' stat li falla biex iwaqqa' l-Gvern waqt li l-President Transizzjonali ta' dakinhar Catherine Samba-Panza kienet qed tattendi l-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-2015. Mokom, Hissène, u oħrajn ġew akkużati mill-gvern tar-RĊA b'diversi reati kriminali, inkluż qtil, ħruq, tortura, u sakkeġġi, li rriżultaw mill-kolp ta' stat li falla.

Mill-2015, Hissène kien sar wieħed mill-mexxejja ewlenin tal-milizzji armati li jinsabu fil-kwartier "PK5" ta' Bangui u li kienu jinkludu aktar minn 100 raġel. Huwa xekkel il-libertà ta' moviment u t-treġġigħ lura tal-awtorità tal-istat fiż-żona, inkluż permezz ta' tassazzjoni illegali tat-trasport u attivitajiet kummerċjali. Fit-tieni nofs tal-2015, Hissène aġixxa bħala r-rappreżentant tan-"Nairobisti" tal-eks-Séléka f'Bangui li operaw fil-qafas ta' ravviċinament mal-ġellieda anti-balaka taħt Mokom. Irġiel armati taħt il-kontroll ta' Haroun Gaye u Hissène pparteċipaw fil-ġrajjiet vjolenti li seħħew f'Bangui bejn is-26 ta' Settembru u t-3 ta' Ottubru 2015.

Il-membri tal-grupp ta' Hissène huma ssuspettati li kienu involuti f'attakk fit-13 ta' Diċembru 2015 — il-jum tar-referendum kostituzzjonali — fuq il-vettura ta' Mohamed Moussa Dhaffane, mexxej tal-eks-Séléka. Hissène huwa akkużat li orkestra l-vjolenza fid-distrett KM5 ta' Bangui li biha nqatlu ħames persuni, indarbu għoxrin, u żammet lir-residenti milli jivvutaw fir-referendum kostituzzjonali. Hissène qiegħed l-elezzjonijiet f'riskju billi ħoloq ċiklu ta' attakki ta' ritaljazzjoni bejn gruppi differenti.

Fil-15 ta' Marzu 2016, Hissène nqabad mill-pulizija fl-ajruport M'poko ta' Bangui u ġie ttrasferit lit-taqsima ta' riċerka u investigazzjoni tal-ġendarmerija nazzjonali. Il-milizzja tiegħu sussegwentement ħelsuh, bl-użu tal-forza, u serqet arma li preċedentement kienet mgħoddija minn MINUSCA bħala parti minn talba għal eżenzjoni approvata mill-Kumitat.

Fid-19 ta' Ġunju 2016, wara l-arrest ta' negozjanti Musulmani minn forzi tas-sigurtà interni f'"PK 12", il-milizzji ta' Gaye u Hissène ħatfu ħames pulizija nazzjonali f'Bangui. Fl-20 ta' Ġunju, il-MINUSCA għamlet tentattiv biex teħles il-pulizija. Irġiel armati taħt il-kontroll ta' Hissène u Gaye kienu involuti fi sparar ma' forzi taż-żamma tal-paċi li ppruvaw jeħilsu l-ostaġġi. B'riżultat ta' dan, inqatlu mill-inqas sitt individwi u indarab membru tal-forzi għaż-żamma tal-paċi.

Fit-12 ta' Awwissu 2016, Hissène mexxa konvoj ta' sitt vetturi b'individwi armati sew. Il-konvoj, li kien qed jaħrab minn Bangui, ġie interċettat minn MINUSCA fin-Nofsinhar ta' Sibut. Fi triqtu lejn it-Tramuntana, il-konvoj kien involut fi sparar ma' forzi tas-sigurtà interna f'diversi punti ta' kontroll. Il-konvoj eventwalment twaqqaf minn MINUSCA 40 km min-Nofsinhar ta' Sibut. Wara bosta ġlidiet b'armi tan-nar, MINUSCA qabdet 11-il raġel, iżda Hissène u diversi oħra ħarbu. Individwi arrestati indikaw lil MINUSCA li Hissène kien il-mexxej tal-konvoj li l-għan tiegħu kien li jasal Bria u jipparteċipa fl-Assemblea tal-gruppi eks-Séléka li ġiet organizzata minn Nourredine Adam.

F'Awwissu u Settembru 2016, il-Bord ta' Esperti żar Sibut darbtejn sabiex jispezzjona l-oġġetti personali tal-konvoj ta' Hissène, Gaye u Hamit Tidjani, li nqabad minn MINUSCA fit-13 ta' Awwissu. Il-Bord spezzjona wkoll il-munizzjon maqbud fid-dar ta' Hissène fis-16 ta' Awwissu. Tagħmir militari letali u mhux letali ġie rkuprat mis-sitt vetturi u mill-individwi maqbuda. Fis-16 ta' Awwissu 2016, il-Ġendarmerija Ċentrali għamlet rejd fid-dar ta' Hissène f'Bangui. Instabu aktar minn 700 arma.

Fl-4 ta' Settembru 2016, grupp ta' elementi eks-Séléka li kienu ġejjin minn Kaga-Bandoro fuq sitt muturi biex jiġbru lil Hissène u l-affiljati tiegħu fetħu n-nar kontra MINUSCA ħdejn Dékoa. Waqt dan l-inċident, inqatel ġellied eks-Séléka, u żewġ membri tal-forzi taż-żamma tal-paċi u ċivili sfaw midruba."

## RETTIFIKA

**Rettifika tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1926 tal-31 ta' Mejju 2017 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 272 tal-21 ta' Ottubru 2017)*

F'paġna 12, fl-Anness, fit-Taqsima 1.3, fil-punt (a):

*minflok:* "Standard komuni dettaljat u talba għal noll speċjali (il-mezzi skedati kollha):",

*aqra:* "Talba dwar nollijiet standard komuni u nollijiet speċjali dettaljati (il-mezzi skedati kollha):".

---

**Rettifika tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 487/2013 tat-8 ta' Mejju 2013 li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 149 tal-1 ta' Ġunju 2013)*

F'paġna 58, fl-Anness VI, fl-emendi tal-Parti 1 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, fil-punt 1(a) u fil-punt 1(b),

*minflok:* "(1) Il-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(a) Fit-Tabella 1.1, din ir-ringiela li ġejja:

| | |
|---|---|
| 'Gass li jaqbad | Gass 1 li jaqbad<br>Gass 2 li jaqbad' |

tinbidel b'din:

| | |
|---|---|
| 'Gass li jaqbad | Gass 1 li jaqbad<br>Gass 2 li jaqbad<br>Gass A Kimikament Instabbli<br>Gass B Kimikament Instabbli' |

(b) Fit-Tabella 1.1, din ir-ringiela li ġejja:

| | |
|---|---|
| 'Ajrusol li jaqbad | Ajrusol 1 li jaqbad<br>Ajrusol 2 li jaqbad' |

tinbidel b'din:

| | |
|---|---|
| 'Ajrusol | Ajrusol 1<br>Ajrusol 2<br>Ajrusol 3'" |

*aqra:* "(1) Il-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(a) Fit-Tabella 1.1, din ir-ringiela li ġejja:

| | |
|---|---|
| 'Gass li jaqbad | Flam. Gas 1<br>Flam. Gas 2' |

tinbidel b'din:

| | |
|---|---|
| 'Gass li jaqbad | Flam. Gas 1<br>Flam. Gas 2<br>Chem. Unst. Gas A<br>Chem. Unst. Gas B' |

(b) Fit-Tabella 1.1, din ir-ringiela li ġejja:

| | |
|---|---|
| 'Aerosol li jaqbad | Flam. Aerosol 1<br>Flam. Aerosol 2' |

tinbidel b'din:

| | |
|---|---|
| 'Aerosol | Aerosol 1<br>Aerosol 2<br>Aerosol 3'" |

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT